II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL U KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Ġunju 2007

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni, li tistabbilixxi partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

(2007/541/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni, li jistabbilixxi partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fit-23 ta' April 2007.

(2) Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi proviżorja sa mit-23 ta' April 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni, li jistabbilixxi partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

([1]) Opinjoni mogħtija fis-7 ta' Ġunju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

It-test tal-Protokoll jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [1].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3 tal-Protokoll [2]. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fila-Lussemburgu, 28 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill	*Għall-Kummissjoni*
Il-President	*Il-President*
S. GABRIEL	José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 119, 9.5.2007, p. 32.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.